MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 15/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charmaine Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charmaine Fenech talli fil-31 ta’ Lulju 2006 ghall-habta ta’ xi 5.40 p.m. fi Triq St. Wistin gewwa Sqaq Nru. 1, ir-Rabat, naqset milli taghti access ta’ uliedha lil Jesmond Vella, irrifjutat li taghmel dan minghajr raguni xierqa, skond digriet nru. 1190/04 mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia LL.D. (Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti fin-nuqqas ta’ provi ma sabitx lill-

imsemmija Charmaine Fenech hatja u ghaldaqastant illiberatha;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li tisma' l-provi, issib lill-imsemmija Charmaine Fenech hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi kif ukoll impediet lill-prosekuzzjoni milli tipproduci prova indispensabbli u ammissibbli skond il-ligi, u cioe` lix-xhud principali taghha Jesmond Vella. L-appellant jghid illi skond gurisprudenza kostanti meta xhud debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti jonqos li jaghmel hekk, dik il-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-Qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-Qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkompanjament jew b'mandat ta' arrest (artikoli 441(4) u 525(1)(a) tal-Kodici Kriminali). Dan necessarjament jimplika li l-Qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-kawzi u l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew. Anqas ma hu argument validu dak li gie ventilat u accettat quddiem il-Qorti tal-Magistrati li x-xhud <u>kellu interess</u> li jidher u li allura la ma deherx il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u tillibera.  L-interess <u>principali</u> fil-proceduri penali hu tal-partijiet: il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet

kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/kwerelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu ta’ kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mil-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu kif effettivament gara f’dan il-kaz (ara, *inter alia*, App. Krim. **Il-Pulizija v. Pierre Schembri**, 8 ta’ Jannar 1996).

Minn dan jidher car illi dan hu appell li jirrigwarda n-nullita` tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti u ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Mill-verbali tas-seduti quddiem l-ewwel Qorti u li jinsabu fil-process jirrizulta illi meta ssejhet il-kawza fis-6 ta’ Novembru 2006 deher l-Ispettur Raymond Aquilina ghall-prosekuzzjoni izda l-appellata (allura imputata) ma dehritx u l-kawza giet semplicement differita ghall-15 ta’ Jannar 2007. Skond il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Jannar 2007 dehru P.S. 1454 Dr. Jason Grima LL.D. u P.S. 1503 Dr. Andy Ellul LL.D. ghall-prosekuzzjoni u dehret l-appellata assistita minn Dott. Richard Sladden. Imbaghad gie verbalizzat hekk:

**“Ix-xhud Jesmond Vella gie msejjah tliet darbiet u ma deherx.**

**Gew prezentati <u>riferti pozittivi</u> tal-istess xhud.**

**Kawza deciza.”**

Din il-Qorti ssottolineat il-kliem “riferti pozittivi” peress illi dak li nkiteb, cioe` li gew esebiti aktar minn riferta pozittiva wahda fir-rigward tax-xhud Jesmond Vella, ma jirrispekkjax dak li jirrizulta lil din il-Qorti mill-atti tal-process. Mill-atti jirrizulta illi fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2007 giet esebita <u>riferta pozittiva wahda</u> dwar ix-xhud Jesmond Vella u riferta pozittiva ohra dwar l-appellata Charmaine Fenech. Din l-osservazzjoni qed issir peress illi verbal ghandu jirrispekkja dak li effettivament ikun sehh waqt is-seduta.

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellata minhabba “nuqqas ta’ provi” wara li qalet illi Jesmond Vella baqa’ ma deherx ghal zewg differimenti konsekuttivi u interpretat dan bhala nuqqas ta’ interess

f'din il-kawza da parti ta' l-istess xhud. Mill-atti pero` m'hemm xejn x'jindika illi l-imsemmi xhud ma deherx ghall-ewwel seduta, dik tas-6 ta' Novembru 2006. Difatti mill-verbal relattiv jirrizulta biss li kienet "l-imputata" li ma dehritx u difatti hemm esebita (a fol. 3) fil-konfront taghha riferta pozittiva – dwar ix-xhud Jesmond Vella ma hemm xejn. Barra minn hekk jidher illi dan Jesmond Vella kien indispensabbli ghall-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti diversament presjeduta, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heraghty** moghtija fit-28 ta' Settembru 2006 qalet testwalment hekk dwar sitwazzjonijiet simili:

**"Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kazi *'Il-Pulizija vs. Clive Debono'* [14.9.2004], *'Il-Pulizija vs. Anne Montfort'* [30.9.2004], u *'Il-Pulizija vs. Kevin Debono'* [1.6.2006] kellha okkazjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghal dan it-tip t'incident u ccitat b'approvazzjoni s-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: *'Il-Pulizija vs. Mario Saliba'* [15.10.1982], *'Il-Pulizija vs. Mario Magri'* [28.5.1993], *'Il-Pulizija vs. Francis Callus'* [30.9.1993], *'Il-Pulizija vs. Anthony Zarb'* [22.10.1993], *'Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et'* [3.12.1993] u *'Il-Pulizija vs. Francis Borg'* [10.12.1993].**

**Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali *'Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri'* [5.1.1996] li, ladarba x-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinuzjawx ghalih (enfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441(4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap. 9 (App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia* [25.7.1994] u ohrajn).**

**'Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe` l-Prosekuzzjoni**

**rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap. 9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara App. Krim. *Il-Pulizija vs Pierre Schembri* [8.1.1996] u ohrajn).'"**

F'dan il-kaz, minkejja li kien hemm riferta pozittiva dwar ix-xhud Jesmond Vella, li gie indikat bhala xhud sahansitra *in calce* tal-komparixxi, l-ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u ordnat li dan ix-xhud jingieb quddiemha okkorrendo b'mandat ta' akkumpanjament jew addirittura t'arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, specjalment ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jippernja fuq ix-xiehda ta' l-imsemmi Jesmond Vella u ladarba l-prosekuzzjoni ma kinitx irrinunzjat ghalih.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9, li proprju jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali f'kazijiet analogi.

Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-Qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista' twettaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema' u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------